# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 409/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Lawrence Sultana**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Lawrence Sultana**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 3558(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-30 ta' Ġunju 2017 għall-ħabta ta' 2:30 ta' filgħaxija, ġewwa r-residenza 'Fleur House', Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, 1979, Rabat Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura

gravi fuq il-persuna ta' Lawrence Galea skont ma' ċċertifika Dr. Joseph Galea M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Rabat, Għawdex.

Il-Qorti ġiet mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Lawrence Galea u terzi persuni sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 162 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 216, 218, 227(d) u 228 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li qieset id-difiża tal-leġittima difeża iżda li huwa ħareġ mil-limitu tal-proporzjon u r-reazzjoni tiegħu kienet waħda eċċessiva kkundannatu sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal perjodu ta' tliet (3) snin. L-Ewwel Qorti wara li rat Artikolu 383 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-ħati b'garanzija personali ta' elfejn Ewro (€2,000) għal żmien sena minn dakinhar tas-sentenza fil-konfront ta' Lawrence Galea. Inoltre, b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati jħallas mija u għoxrin Euro (€120) spejjeż peritali fi żmien xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka fl-intier tagħha s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija u fin-nuqqas subordinatament tvarja l-piena nflitta billi tirriduċi jew tneħħi t-terminu ta' priġunerija sospiża mpost fuq l-appellant u tirriduċi jew tneħħi wkoll il-perjodu operativ tas-sentenza jew inkella timponi ordni ta' xi wieħed mill-Artikolu tal-Kap. 466 tal-Liġijiet ta' Malta jew inkella timponi xi piena oħra aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq żewġ aggravji.

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jgħid li dan hu każ ċar ta' difiża leġittima u jaqa' taħt dak li jiddisponi Artikolu 223 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li skont hu m'hemmx reat. Jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** deċiża fl-24 ta' April 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fejn il-Qorti rriferiet għall-istess artikolu tal-liġi. Jagħmel riferenza għall-paġina 44 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn qalet li biex ikun hemm leġittima difeża jrid ikun hemm perikolu minaċċjat u dan irid ikun inġust, gravi u inevitabbli u jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dawn kienu ppruvati sal-grad ta' probabilita' u li skont hu jsegwi li l-Qorti kellha tilliberah. Jargumenata li ma ppruvax jieħu l-ħajja ta' ħaddieħor iżda ddefenda ruħu u l-familja tiegħu u li flok l-Ewwel Qorti lliberatu qalet li r-reazzjoni tiegħu kienet waħda eċċessiva u mhux proporzjonali. Jagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija fl-14 ta' Frar 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Karmenu Cutajar** fejn il-Qorti qalet li biex id-difiża ta' *self-defence* tirnexxi hemm bżonn li persuna tkun qed tiddefendi lilha nnifisha jew lil ħaddieħor minn ħsara nġusta,

gravi u inevitabbli. Jisħaq li m'hemmx dubju li f'dan il-każ hu kellu tassew għalxiex jibża' li Galea kien lest li jagħmel kollox ġialadarba Galea kien irrabjat ħafna. Jgħid li l-ħsara kienet inevitabbli minħabba ċ-ċirkostanzi msemmija u għaliex hu (l-appellant) qatt ma kien jistenna din l-aggressjoni f'daru. Jargumenta li m'hemmx dubju li l-ħsara ta' Galea kienet inġusta għaliex Galea ma kellu ebda awtorita' li jidħol fid-dar u jħebb għalih. Jisħaq li l-azzjoni kienet proporzjonata għaliex hu (l-appellant) ma uża ebda oġġett iebes u uża jdejh jew partijiet oħra minn ġismu biex jiddefendi lilu nnifsu. In sostenn ta' dan jiċċita s-sentenza **Il-Pulizija vs. Salvu Psaila** tad-9 ta' Novembru 1973 u jsostni li din is-sentenza ma tħalli ebda dubju li d-difiża tiegħu kienet waħda proporzjonata.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> huwa li l-piena hija waħda eċċessiva. Jgħid li l-Ewwel Qorti applikat Artikoli 227(d) u 228 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta dawn japplikaw għal omiċidju volontarju skużabbli u mhux għal offiża volontarja skużabbli. Jgħid li dan sar bi ksur ta' Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza *ai termini* ta' Artikolu 428(3) tal-istess Kapitolu 9. Jisħaq li anke jekk il-Qorti ma tilqax dan l-aggravju dwar it-tħassir tas-sentenza xorta jibqa' l-fatt li l-Ewwel Qorti applikat il-piena ħażina. Jargumenta li hemm għadd ta' raġunijiet għala piena karċerarja mhijiex waħda idonea fosthom li hu ffaċċja lill-aggressur ġo daru stess meta huwa bniedem anzjan u jbati bil-mard tal-qalb. Jgħid li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Karmenu Cutajar** imsemmija fl-ewwel aggravju, il-Qorti kienet marret għal piena ta' multa waqt li fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Julian Mercieca** tas-6 ta' Jannar 2003 fejn persuna kkaġunat ferita gravi, il-Qorti ma sabitx li kien hemm leġittima difeża u lliberat lill-persuna bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat fi żmien sentejn. Jgħid li hu għandu wieħed u sittin (61) sena u għandu fedina penali netta u li ma kien hemm ebda eċċess ta' difiża leġittima.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tikkonsidra dik il-parti tat-tieni aggravju li fih qed tissemma n-nullita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. In fatti dan l-aggravju msemmi jinqasam fi tnejn – li l-piena hija eċċessiva u li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla minħabba li semmiet l-artikoli ħżiena hija u tapplika l-piena. F'dan l-istadju l-Qorti ser tiffoka fuq il-parti ta' dan l-aggravju li għandu x'jaqsam man-nullita' tas-sentenza.

Illi Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi l-Qorti tinnota li l-artikoli msemmija mid-difiża ma jikkontemplawx xi reat jew reati. Għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma tistax tkun iddikjarata nulla għar-raġuni mogħtija mid-difiża.

Illi minn naħa l-oħra l-Qorti tinnota li waqt is-sottomissjonijiet, l-Avukat Ġenerali ġibed l-attenzjoni tal-Qorti diversament preseduta li l-Ewwel Qorti ma kinitx semmiet Artikolu 214 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta kienet qed tiddeċiedi u ngħad hekk: *"fis-sentenza hemm indikati l-Artikoli 216 u t-218 mingħajr ma jissemma l-bażi tal-offiża gravi, l-Artikolu 214. Jiġifieri hemmhekk fl-opinjoni tiegħi hemm in-nullita'"* (*a fol.* 230). Artikolu 214 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Kull min, mingħajr il-ħseib li joqtol jew li qiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha dosordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna."

Illi l-Qorti tinnota li dan l-artikolu jista' jitqies bħala l-artikolu li minnu jemani r-reat li l-Ewwel Qorti naqset milli ssemmi fis-sentenza tagħha meta sabet ħtija fl-appellant. Għandu jingħad li meta l-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli tal-liġi (*a fol.* 64) li skont

hu l-appellant kellu jinstab ħati tagħhom huwa semma s-segwenti Artikoli 214, 215, 217, 218 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 412Ċ ta' Kapitolu 9 u Artikolu 533 tal-istess Kapitolu.

Illi filwaqt li huwa minnu li fil-bidu tas-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal dawn l-artikoli kif mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, fid-*decide* semmiet Artikoli 216, 218 227(d) u 228 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u applikat Artikolu 533 tal-istess Kapitolu 9. Ma jeżisti l-ebda intopp jew problema legali għax ma ssemmiex Artikolu 412Ċ ta' Kapitolu 9 pero' jirriżulta li semma artikolu li ma kienx ingħata mill-Avukat Ġenerali (u ċioè Artikolu 216) u ma ssemmewx Artikoli 214, 215 u 217 li ngħataw mill-Avukat Ġenerali.

Illi l-Qorti tinnota li meta jingħataw l-Artikoli mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Maġistrati trid teżamina l-fatti taħt dawn l-artikoli hekk kif mibgħuta skrupliżament u tgħid jekk sabitx ħtija taħthom jew inkella ta' xi reat kompriż u involut taħt wieħed jew iktar minn dawn l-artikoli.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost

jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi isemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).

> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Qorti tinnota li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti kien hemm numru ta' nuqqasijiet fosthom dawk imsemmija aktar 'il fuq li jwassluha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat. Dan qed jingħad fir-rigward tal-artikoli tal-liġi li tagħhom l-appellant kien mitlub mill-Avukat Ġenerali li setgħet tinstab ħtija fih, liema artikoli baqgħu ma ssemmewx u dan minkejja li nstabet ħtija fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant, u kif ukoll fir-rigward tal-artikoli msemmija mill-Ewwel Qorti li ma kellhomx x'jaqsmu mal-każ u li ma kienux imsemmija mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju tiegħu.

Illi għal dawn ir-raġunijiet biss hawn fuq imsemmija l-Qorti ser tilqa' dik il-parti tat-tieni aggravju fejn jintalab it-tħassir tas-sentenza appellata.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien

> immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant limitatament u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**